**29 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Caterina Farrugia

**Raġjon Fattasi — Preskrizzjoni — Sospensjoni — Lokazzjoni — Vjolazzjoni ta' Proprjetà ta' Ħadd Ieħor — Appell Temerarju — Art. 686(2) u 441(2) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk kawża kriminali tiġi mħollija "sine die" sakemm tispiċċa kawża ċivili, il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali tibqa' sospiża sakemm tiġi deċiża l-kawża ċivili.*

*Jekk it-tribunal ċivili jiddeċidi li r-raġel tal-imputata tilef kull dritt li kellu ta' lokazzjoni jew detenzjoni ta' fond, u li hu ma kellu ebda pussess tutelabbli ta' dak il-fond, għalkemm seta' kellu qabel dik id-data, il-mara ta' dak ir-raġel tikkommetti vjolazzjoni tal-proprjetà ta' ħadd ieħor jekk hija tidħol f'dik il-proprjetà kontra l-oppożizzjoni tas-sid. L-att tagħha huwa każ tipiku tar-reat ta' regjon fattasi, għaliex hi tagħmel dak li tippretendi li għandha d-dritt li tagħmel.*

*Jekk mbgħad dik l-imputata tkun ikkommettiet dak l-att wara li kien hemm il-ġudikati ċivili li jiddikjaraw li żewġha ma għandux dritt fuq dik il-proprjetà, u, wara li tiġi kundannata mill-Maġistrat, tappella minn dik is-sentenza, l-appell tagħha huwa temerarju; u hi tiġi ulterjorment kundannata għat-temerarjetà tal-appell.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputata quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'din l-aħħar sena, f'Wied-il-Għajn, fil-kuntrada "tal-Iskarpell", bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha, fixklet lil Salvu Cassar fil-pussess ta' ħwejġu billi mill-għalqa magħrufa "tal-Iskarpell" ħadet u ġarrett b'kemm jiswa £8 xgħir, £6 qamħ, u bieb li jiswa £6,

f'diversi azzjonijiet magħmula fi żmienijiet differenti b'riżoluzzjoni waħda;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Frar 1958, li biha sabitha ħatja u kkundannatha £2 multa;

Rat ir-rikors tal-imputata li bih appellat mis-sentenza fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata, u li hi tiġi liberata;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti huma ammessi (verbal fol. 11);

Kwantu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, din ma hemmx lokha. L-imputata ma qalitx għal liema preskrizzjoni qegħedha talludi; imma wieħed għandu jifhem, favorevolment għall-imputata, li hi dik trimestrali. Issa, jirriżulta mill-karti proċesswali li l-kawża ġiet rinvijata "sine die" fid-19 ta' Frar 1957, stante l-pendenza ta' kawża quddiem it-tribunal ċivili. Hu risaput — art. 686(2) Kap. 12 Ediz. Riv. — li f'każ simili l-preskrizzjoni tibqa' sospiża sakemm tinqata' din il-kawża l-oħra. F'dan il-każ, kien hemm żewġ kawżi; waħda App. Inf. "Cassar vs. Farrugia" deċiża fil-15 ta' Jannar 1957, u l-oħra P.A. "Farrugia vs. Cassar", deċiża fl-20 ta' Novembru 1957. Din il-kawża preżenti ġiet rijappuntata għas-seduta tal-20 ta' Jannar 1958, iżda ma jirriżultax jekk l-imputata kienetx ġiet notifikata bir-rijappuntament. Ċert li ma dehretx f'dik is-seduta, u ġie ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' komparizzjoni kontra tagħha għas-seduta tal-11 ta' Frar 1958; f'liema seduta hija dehret, "ex admissis" (ara nota ta' rlijevi). Issa, bejn id-data tad-deċiżjoni tal-kawża ċivili li nqatgħet l-aħħar, ċjoè 20 ta' Novembru 1957, u l-11 ta' Frar 1958, ma kienx hemm intervall ta' tliet xhur; u għalhekk il-preskrizzjoni ma għaddietx;

Fil-meritu;

Skond is-sentenza App. Inf. fuq ċitata, mill-21 ta' Awissu 1956 żewġ l-imputata tilef kull dritt ta' lokazzjoni

u ta' detenzjoni, u sar okkupant bla titolu. Il-Prim'Awla, fis-sentenza fuq imsemmija, irriteniet ukoll li mill-21 ta' Awissu 1956, ċjoè minn mindu saret il-lokazzjoni favur Salvu Cassar, żewġ l-attriċi lanqas kellu pussess tutelabbli, għalkemm seta' kellu qabel dik id-data;

Għalhekk jiġi li l-imputata kkommettiet ir-reat lilha addebitat. Il-fatt tagħha jikkostitwixxi każ tipiku ta' "ragion fattasi"; għaliex appuntu hi tippretendi li għandha l-jedd li tagħmel dak li għamlet; tant li għadha tgħid sal-lum non ostante żewġ ġudikati, li din hi kwistjoni ċivili;

L-appell hu temerarju; għaliex anki jekk "ex hypothesi" l-imputata seta' kellha xi raġun tikkontesta l-imputazzjoni fil-Qorti tal-Ewwel Istanza, meta kienu għadhom ma ġewx deċiżi l-kawżi fuq imsemmija, ebda raġun ma seta' kellha li tappella wara dawk iż-żewġ ġudikati;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; u peress li l-appell hu temerarju, wara li rat l-art. 441(2) Kap. 12, minbarra l-multa ta' £2 lilha ġa nflitta, tikkundannaha għall-ammenda ta' £3.